IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Nru. 10. IL-ĦAMIS, L-1 TA' APRIL, 1943. Nru. 10.

SEJĦA MILL-AĠENT DIRETTUR TAL-BIEDJA

LILL-BDIEWA TA' MALTA U GĦAWDEX FIL-WIRJA TAL-"FILMS" TAL-BIEDJA U TAL-GWERRA FL-"ODEON" TAL-ĦAMRUN, IL-21 TA' MARZU, 1943.

Il-Ġabra tal-Qamħ fl-Ingilterra u f'Malta

FIL-"FILM" li jismu "Il-Ġabra l-Kbira tal-Qamħ", taraw l-isforz kbir li qed jagħmlu l-bdiewa tal-Ingilterra biex jiffrankaw il-wisa' fuq il-bastimenti li hu hekk prezzjuż, billi jipprudući ġewwa arthom stess it-tgħam li jiħtieġu. Aħna f'Malta wkoll nistennew ġabra kbira ta' tgħam u b'risq it-temp favorevoli li għamel, aħna nittamaw li jkollna l-iktar ġabra ta' qmuħ li Malta qatt kellha. X'uħud minnkom forsi jaħsbu li billi issa waslulna bosta dqiq u qmuħ minn barra, din il-ġabra hekk kbira ta' qmuħ ma hemmx bżonnha. Iżda jekk intom taħsbu sewwa dwar din il-kwistjoni, intom issibu li dan id-dqiq u t-tgħam li wasħilna kellu jiġi minn eluf ta' mili bogħod u kellu jieħu fuq il-bastimenti li ġibuh dak il-wisa' li kien jista' jintuża b'vantaġġ kbir biex floku jinġarr xi materjal meħtieġ tal-gwerra. Il-ħobż hu l-ikel l-iżjed meħtieġ għal dawn il-gżejjer tagħna, u aħna li issa ġarrabna n-nuqqas tal-ħobż nafu biż-żejjed dan x'isarraf u kemm hu meħtieġ li jkollna ħażniet biżżejjed kbar għall-bżonnijiet tagħna.

Qmuħ f'idejn il-Gvern

Għaldaqshekk din is-sena l-Gvern sejjer jieħu l-qmuħ ukoll f'idejh, bħalma qed jieħu l-prodotti l-oħra tar-raba', Iżda jittama li jkun jista' jħalli kwantità xierqa ta' qamħ lill-bdiewa biex jużawha bħala żieda mar-razzjon ta' ħobż li għandhom li aktarx mhix biżżejjed. Għalkemm il-prezz tal-qamħ sejjer ta' bil-fors ikun wisq inqas mis-sena l-oħra, meta l-prodott kien batut, il-prezz tiegħu dis-sena ma hux sejjer ikun ħażin.

Ħtieġa ta' Ħaxix.—Kuntratti mal-Gvern

Issa li b'riħet il-provvisti ta' qmuħ u dqiq, nistgħu ngħidu illi għal xi żmien għandna proviżjon ta' ħobż, jiħtieġ naħsbu wkoll fil-produzzjoni tal-ħaxix, billi wara l-ħobż, il-ħaxix hu l-iżjed prodott importanti tal-ikel tal-pajjiż. Fil-waqt li l-Gvern jaħseb biex il-poplu jkollu kwantità tajba ta' ħaxix, id-Dipartiment tal-Biedja hu fid-dmir li jara li jkun hemm u li tinżamm dejjem produzzjoni xierqa ta' ħaxix u illi l-bidwi jikseb prezzijiet xierqa għal dak li jikkultiva. B'dan il-ħsieb quddiemu, id-Dipartiment tagħna għamel proġett ta' kuntratti li bih joffri lill-bdiewa prezzijiet tajba wisq qabel ma jilħaq il-wiċċ — dan isir għal dawk il-prodotti li tagħhom nafu fiż-żgur li jkun hemm bejgħ. Id-Dipartiment issa qed jikkontrolla tajjeb is-suq tal-ħaxix, u fi ħsiebu li jibqa' wkoll jikkontrollah.

Il-lum aħna ninsabu f'qagħda li nistgħu naħsbu minn qabel dak li jkollna bżonn. Aħna issa nafu xi kwantità ta' ħaxix tinħtieġ kull ġimgħa, u d-Dipartiment tal-Biedja sejjer jitlob lill-pitkali biex jiksbu b'kuntratt dak il-ħaxix li jinħtieġ. Il-pitkali għandhom imbagħad jitolbu lill-bdiewa biex jikkultivaw dawk x-xorta ta' ħxejjex għaż-żmien li jkunu meħtieġa. Intom tafu li jkun ħala li wieħed irabbi xi xorta ta' ħaxix iżjed milli s-suq jista' jikkonsma f'kull żmien ma' tul is-sena. Jekk dan isir, bla dubju ta' xejn, il-prezz ikollu jaqa'. Aħna rridu li intom ilkoll tikkuntrattaw mal-pitkali, b'hekk intom tgħinu lill-Gvern u tgħinu wkoll lilkom infuskom u jinżammu prezzijiet xierqa.

Kitba tal-Prodotti tar-Raba' u tal-Bhejjem

Il-ġimgħa d-dieħla* aħna sejrin nitolbukom biex tiktbu l-prodotti li għandkom fir-raba' u l-annimali li għandkom. Dan il-Gvern irid jafu biex ikun jaf il-qagħda tagħna kif sa tkun għalli ġej u biex jaħseb minn qabel għal dak li jinħtieġ. Ma rridkomx taħsbu u tibżgħu li aħna sejrin neħdulkom il-bhejjem jew il-prodotti. Id-Dipartiment irid biss, bħalma ġà fissirtilkom, iżomm kontroll tajjeb fuq is-suq tal-prodotti u jiena naf żgur li kull wieħed minkom jagħbel miegħi li dan jinħtieġ isir. Il-bidwi li, biex jaqla' ftit iżjed, ibigħ il-prodott tiegħu bil-"moħbi", jew ibigħ l-annimali tiegħu biex jinqatlu kontra l-liġi, mhuwiex aħjar minn *quisling*. Dmirna hu li naraw li nieħdu mir-raba' prodotti biżżejjed għall-poplu u li l-bidwi wkoll ikollu sehem kif jixraq. Mela din il-kitba tal-prodotti għandha ssir minn kull wieħed minnkom mingħajr biża'. Intom ilkoll miktubin bħala bdiewa, u għandkom il-biljett tar-raba', għaldaqshekk id-Dipartiment malajr ikun jaf liema bidwi ma nkitibx. Nistħajjel li kull wieħed minkom ra kemm hu meħtieġ il-biljett tal-raba'. Dan jgħin biex kull wieħed jikseb żerriegħa, demel artifiċjali u pitrolju kif jixraq u jgħin ukoll għal xi nkwiet li jista' jinqalgħelkom. Irridukom tifhmu illi dawn il-biljetti saru għall-ġid tagħkom, iżda jekk intom ma tridux tinqdew bihom, għall-inqas tisilfuhomx lil nies oħra għax bihom jieħdu dak li ma jistħoqqilhomx.

Fil-kitba li sa ssir, sa tkunu mistoqsijin kemm għandkom bhejjem u x'bhejjem titħajru tixtru ma' dawk li għandkom, malli l-Gvern ikun jista' jġib il-ġwież minn barra.

Ġwież, Demel, Żerriegħa, eċċ. għall-Bdiewa

Għalkemm id-Dipartiment tal-Biedja qed jaħseb minn qabel biex jerġa' jwaqqaf l-industrja tat-torbija tal-bhejjem, u għalkemm id-Dipartiment tal-Ħalib qiegħed jaħseb biex jixtri l-ħalib u biex jagħti xi ftit ful skond il-kejl tal-ħalib li jikseb, b'danakollu mhix tant ħaġa li tista' tkun li jinġieb ġwież minn barra, ħlief xi ftit għall-baqar tax-xogħol. Il-ġwież u l-magħlef huma skarsi ħafna wkoll f'pajjiżi oħra, u fl-Eġittu u fi bnadijiet oħra, il-qamħ ir-rum ix-xgħir, u l-qaraboċċ qed jużawhom fil-ħobż. Għalhekk fil-waqt li l-bdiewa jagħmlu sewwa jekk jaħsbu għall-quddiem, aħna m'għandniex nittamaw li jinġiebu ġwież għall-annimali, qabel għall-inqas issir il-ġabra tal-prodott għall-1944.

Aħna nafu kemm jinħtieġ id-demel għar-raba', u tistgħu toqogħdu żguri li aħna nerġgħu nwaqqfu l-industrja tal-bhejjem tal-biedja mill-iżjed kmieni li jista' jkun.

Aħna nittamaw li l-agħar żmien ta' din il-gwerra diġà għaddejnieh u kien ta' ferħ kbir għalina li stajna nagħtukom xi żerriegħa tal-patata, xi demel artifiċjali u xi ħwejjeġ oħra. Aħna wkoll żidnielkom ir-razzjon tal-ġwież għall-bhejjem tax-xogħol tar-raba'. Nittamaw ukoll li jkollna l-kubrit kif ukoll demel artifiċjali għall-ħarifa. Issa tistgħu taraw li fil-waqt li s-sajf l-ieħor konna biss nitolbu ħafna xorti lill-bdiewa bla ma nagħtuhom xejn, issa qegħdin nagħtukom aħna xi ħaġa li biha l-biedja tgħaddi 'l quddiem.

Id-Dipartiment qiegħed ukoll jitkixxef kif jista' jżid ir-raba' saqwi, u das-sajf sa jkollkom pitrolju iżjed milli kellkom is-sajf l-ieħor. Ir-razzjon tal-pitrolju sa tkun gallun għal kull tomna saqwi fil-ġimgħa, u ta' dan nixtiqukom tagħtu kemm tistgħu ħaxix b'kuntratt mal-Gvern.

Il-prezz tat-tadam ġà tarraftulkom, u dan, flimkien max-xita li għamlet f'dal-ġranet, nittama li jkunu kaġun

* *Din il-kitba bdiet issir fl-24 tax-xahar li ħareġ.*

(*Jissokta fil-faċċata 2 kolonna 2*)

IL-KITBA TA' L-EGHLIEQI

Iċ-Ċensiment ta' l-Egħlieqi—Kif isir

SA jsir ċensiment ieħor; nistħajjilkom tgħidu: kemm-il darba sejrin nirreġistraw isimna. Min jaħseb hekk jiżbalja. Ix-xogħol li sa jsir għadu qatt ma sar, u l-effett tiegħu, għalkemm huwa ta' ħtieġa kbira għal żmien il-gwerra, jibqa' jkun ta' ħtieġa xejn inqas kbira fi żmien il-paċi.

Meta jitlesta dan ix-xogħol, kull għalqa ġo Malta u Għawdex ikollha numru; u jekk din tkun maqsuma bejn żewġ bdiewa jew iżjed, ikun hemm numru għal kull qasma u n-numru jkun sew fuq il-pjanta kemm fuq il-għalqa. F'dan ix-xogħol tal-kitba ta' l-egħlieqi jsir il-kejl ta' kull ħabel jew ta' kull biċċa raba'. Nistħajjel min jgħid: Meta sa jispiċċa biċċa xogħol bħal din? — Il-kejl tar-raba' ma jsirx kif forsi taħsbu intom bil-palini u l-iskwadri, kif jagħmlu l-periti, imma bil-planimetru—strument li meta ddawru mal-ħitan ta' kull għalqa, kif insibuha maħżuża fuq il-pjanti l-kbar ta' Malta, magħrufin bħala "Survey Sheets"—jagħtik il-kejl tal-għalqa. Għal kull għalqa titniżżel ukoll il-kwalità u l-fond tal-ħamrija, l-isem u l-indirizz tal-gabillott u ta' sid il-għalqa. Fil-pjanta ta' din l-Ispezzjon tal-Biedja ikun hemm immarkat ir-raba' mħawwel dwieli, kif ukoll il-ġonna. Niddivrenzjaw ukoll ir-raba' saqwi mir-raba' bagħli; kif jinġieb l-ilma għat-tisqija, jekk hux bis-sienja, bil-mitħna tal-mutur jew b'ilma għaddej mill-kanni tal-Gvern.

L-Iskop taċ-Ċensiment

Għal min jaħseb fuq fuq u jħares lejn din il-biċċa xogħol mingħajr ma joqgħod jifli l-ħtieġa tagħha, dlonk jaħseb li d-Dipartiment tal-Biedja jrid jikseb dawn l-informazzjonijiet biex idejjaq lill-gabillott u jtellfulu x-xogħol hekk għażiż li qed jagħmel, iżda jekk insemmi xi ftit eżempji, dawn malajr għandhom juru li kullma qed isir mid-Dipartiment tal-Biedja f'din l-Ispezzjon tar-Raba' huwa fl-interess u għall-ġid ta' kull bidwi onest u tas-sengħa; il-bidwi qarrieqi jbati, għaliex i-qerq tiegħu malajr jinkixef. Insemmu ħwejjeġ li ġraw m'ilhomx. Xi bdiewa bla skruplu ta' xejn kitbu raba' għall-patata wisq iżjed milli setgħu jiżirgħu; il-patata li baqagħlhom bigħuha lil sħabhom bi prezz wisq ogħla milli kienu xtrawha. Oħrajn, imħabba dawn i-bdiewa qarrieqa, baqgħu neqsin miż-żerriegħa. Meta titlesta din il-biċċa xogħol dan il-qerq ma jkunx jista' jsir għaliex kull gabillott ikollu jagħti n-numru tal-għalqa fejn sejra tinżara' l-patata u l-Ispetturi tal-Biedja jkollhom il-mezz li jitkixxfu u jkunu jafu dak kollu li jkun stqarr il-gabillott meta jiġi biex jitlob il-kwantità ta' żerriegħa ta' patata, jew xi żrieragħ oħra. Hekk ukoll ġara fit-taqsim tas-Sulfat ta' l-Ammonja fejn xi wħud b'dan il-mod qarrieqi ħadu iżjed minn dan id-demel artifiċjali milli kien imisshom, ħaġa li b'din il-kitba ta' l-għelieqi nittamaw li ma tarġax tiġri.

Il-Fejda taċ-Ċensiment

F'dan iċ-ċensiment ġdid ta' l-egħlieqi l-ġonna sa jkunu miktubin ukoll. Jekk tidher xi marda ġdida fuq is-siġar tal-frott id-Direttur tal-branka tal-Mard tas-Siġar u Pjanti (ta' l-Uffiċċju hekk imsejjaħ tal-Patoloġija tas-Siġar u Pjanti) minnufih ikun jaf fejn għandu jmur biex jeqred il-marda malli dina titfaċċa; ukoll dak il-mard li l-lum għandna fuq is-siġar ikun jista' wieħed jikkurah aħjar, il-għaliex il-Patologu, Dr. Peralta, b'hekk ikun jaf fejn huma l-ġonna kollha.

Li nkunu nafu sewwa u bir-reqqa kollha kemm għandna dwieli huwa ta' interess għall-industrja ta' l-inbid, kif ukoll għall-istatistika li tifthilna għajnejna u tmexxina f'ħafna affarijiet, l-iktar f'dik li hi produzzjoni fid-diversi distretti.

B'dan iċ-ċensiment inkunu nafu wkoll il-kwalità ta' ħamrija ta' kull għalqa, li għandha importanza kbira—kif kulħadd jaf—għall-uċuħ; mhux biss dan, imma nkunu nafu wkoll liema kwalità ta' demel artifiċjali għandna nużaw fid-diversi kwalitajiet ta' ħamrija. Mhux kull demel artifiċjali jagħmel il-ġid; jekk dan inti tużah ta' sikwit, flok ġid, jista' xi mindaqqiet jagħmel il-ħsara. Meta n-nies tekniċi tad-Dipartiment tal-Bedja jkollhom quddiem għajnejhom il-kwalità ta' ħamrija ta' kull għalqa dawn dlonk ikunu jistgħu jagħtu l-parir tagħhom fuq din il-ħaġa.

Vantaġġ ieħor ta' dan iċ-ċensiment huwa illi waqt il-verifika tal-pjanti niltaqgħu ma' bjar mirduma li min jaħdem l-għalqa ma jkunx jaf bihom. Kulħadd jaf kemm hija ħaġa tajba li jkollok bir f'għalqa biex tqabbad il-wiċċ. Meta niltaqgħu ma' bjar bħal dawn, aħna minnufih nieħdu ħsieb ngħarrfu lill-bidwi b'ittra.

Semmejna xi ftit mill-vantaġġi li sa jkollhom il-bdiewa bis-saħħa ta' dan iċ-ċensiment; għalhekk nittamaw li kulħadd jagħti l-għajnuna tiegħu lill-impjegati li daħlu għal biċċa xogħol hekk iebsa u kbira li titlob l-akbar attenzjoni biex iċ-ċensiment isir sewwa u bl-irqaqat kollha. Dawk kollha li jippruvaw ifixklu—ngħidu jippruvaw għaliex jekk ma jagħmlux dmirhom l-awtorità iġġagħlhom jagħmluh—mhux biss imorru kontra l-interessi tal-pajjiż, iżda wkoll kontra l-interessi tagħhom infushom.

IL-BIEDJA TA' APRIL

X'għandek tiżra' u tħawwel

Wieħed jista' jkompli jħawwel il-qara' twil, il-brinġiel, it-tadam, il-bżar, il-ħass, kif ukoll il-pastard, il-kaboċċi u l-ġdur għall-wiċċ tas-sajf u tal-ħarifa. Tista' tiżra' wkoll il-pastard, il-kaboċċi taz-zokk (*Brussels Sprouts*), il-brokkli u kromb ieħor.

Għall-aħħar ta' April bejjet il-fażola tal-miżwet twil jew il-fażola sprag. Jaqbel li kieku tħalli xi biċċa battala mill-għien fejn soltu trabbi l-ħaxix ma' tul is-sajf, u fiha trabbi xi ħaġ'oħra, li bħal bittieħ, ma jkollhiex bżonn ta' ilma, billi n-nixfa twila tas-sajf tnaddaf il-ħamrija minn ħafna dud u tinwir li jgħix minn fuq il-prodotti.

Iżra' l-bħajra u fittex ħawwel dak li fadallek tħawwel mix-xahar li għadda.

Ħsad u Ġbir

Għal ħabta ta' nofs April wieħed jista' jaħsad is-silla, malli l-inwar tagħha jibda jinxef u turik li ma togħliex iżjed. Is-silla jixraq li tinħasad qabel ma jgħaddi April, għalkemm ix-xita li għamlet tawlet xi ftit il-ħajja ta' bosta prodotti. Il-qamħ u x-xgħir bħalissa jkunu bis-sbula u ta' min jibża' għalihom u ma jħallix li jirtifsu la minn nies u lanqas minn annimali. It-tewm ta' min jaqilgħu qabel ma jinxef għalkollox, jorbtu u jħallih jinxef fir-riħ.

Xogħol fil-Ġonna

Agħżaq madwar il-larinġ qabel ma jgħaddi April, jekk ma għażaqtx diġà, kif ukoll madwar is-siġar tal-frott irqiq u naddafhom mill-ħaxix ħażin u minn ħaxix ieħor li jkun qed jitrabba madwarhom. Għall-aħħar ta' dan ix-xahar jista' jitħawwel ix-xitel tal-larinġ. Jekk it-temp ikun xott, saqqi t-taħwil il-ġdid tas-siġar tal-frott irqiq, tin, eċċ., sabiex jaqbdu sewwa qabel ma jidħol is-sajf.

Agħti l-kubrit lid-dwieli sabiex ma jimtessux bil-Mell Abjad jew Mell dqieqi. Il-kubrit irid ikun fin kemm jista' jkun u jagħmel iżjed effett jekk miegħu tħallatlu minn 3 sa 5 fil-mija ta' sulfat tar-ram jew kupru. Ta' min ukoll idur bil-kubrit imħallat, bħalma għidna, bil-kupru, it-taħwil tal-pastard u tal-kaboċċi, biex il-farfett tas-susa tal-pastard ma jbejjitx fil-qalba u jagħmiha. Agħti l-kubrit waħdu jew imħallat bil-kupru fuq il-bħajra, it-tadam, il-brinġiel, il-ħjar, il-qara' aħmar, il-qara' twil u qara' bagħli.

(Jissokta mill-faċċata 1)

li jkun hawn prodotti qawwi ta' tuffieħ tadam

Biex nissudaw il-biedja u n-nisel tal-bhejjem

Jekk ikollna l-għajnuna tal-bdiewa aħna nittamaw li nissudaw il-biedja tal-pajjiż fuq bażi sodi—li nżidu r-raba' saqwi, nerġgħu nissudaw l-industrja tal-majjali, li mmexxu 'l quddiem it-torbija tan-ngħaġ, li ndaħħlu fil-pajjiż mogħoż li jaħlbu iżjed, li nġibu razez ta' baqar moderni li jkunu tajbin mhux biss għall-ħalib, iżda biex igħinu wkoll it-tnissil ta' baqar li jkunu flok dawk li dari konna nġibu minn barra għall-ksiba jew biex insemmnuhom hawn. Biex dan isir jinħtieġ naħsbu mn'issa, iżda wkoll jinħtieġ li dan isir qabel nirbħu l-gwerra u għaldaqshekk aħna għamilna din is-sejħa lilkom biex taħdmu id f'id magħna u biex aħna nagħmlu sehemna xejn anqas milli qed jagħmlu l-bdiewa f'naħiet oħra tal-Glorjuż Imperu tagħna.

IL-WIRJA TAL-"FILMS" TAL-BIEDJA U TAL-GWERRA

MOGĦTIJA MILL-GĦAQDA NAZZJONALI TAL-BDIEWA FL-"ODEON" TAL-ĦAMRUN.

IL-ĦADD, 21 tax-xahar li għadda, kien hemm ma' l-elf bidwi, xi wħud fosthom bil-familji tagħhom, li ġew jaraw fit-Teatru Odeon tal-Ħamrun wirja sabiħa ta' "films" fuq il-biedja, kif ukoll fuq l-aħħar ġrajjiet tal-gwerra, imfissrin b'kitba Maltija. Is-sala tat-Teatru kienet imżejna bil-Bandieri tan-Nazzjonijiet Magħquda u b'ħafna kartelluni sbieħ li jolqtuk. F'xi postijiet tas-sala tqiegħdu xi mikrofoni biex il-bdiewa jkunu jistgħu jisimgħu aħjar lil dawk li telgħu jkellmuhom, imsemmijin hawn taħt. It-tiżjin tas-sala sar taħt it-tmexxija tas-Sur A. Cauchi Gera.

Qabel ma bdiet il-Wirja, is-Sur Ġorġ Zarb, Direttur tal-Propaganda tal-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa, tkellem fuq il-Wirja li kienet sa ssir u l-importanza tagħha għall-bdiewa; warajh tkellem is-Sur Karm Zammit Marmarà, M.B.E., Segretarju ta' l-Istess Għaqda, li qara Sejħa lill-Bdiewa bil-Malti, ta' l-Aġent Direttur tal-Biedja—sejħa li aħna ġibna fl-ewwel faċċata ta' "Il-Bidwi" tal-lum u li fih kien hemm imfisser mhux biss dak li wieħed jista' jitgħallem minn dik il-wirja, iżda wkoll dak kollu illi d-Dipartiment tal-Biedja qiegħed jagħmel għat-tkattir tal-prodotti u għat-tnissil il-ġdid u torbija ġdida ta' bhejjem, għall-ġid tal-bdiewa stess u tal-popolazzjoni fiż-żminijiet imwiegħra tal-lum. Sew il-kliem ta' wieħed kemm ta' l-ieħor kienu milqugħin b'ħafna ċapċip.

L-ewwel "film" kienet turi l-Ġabra l-Kbira tal-Qmuħ ta' l-istaġun fl-Ingilterra fejn intwera kif fil-bidu tal-gwerra kien hemm bosta raba' mhux maħdum u battal u ħtieġ li jinħadem biex l-Ingliżi f'pajjiżhom ikattru l-prodotti ta' l-ikel u jiffrankaw il-wisa' fil-bastimenti (tal-convoys) li jġorru merkanzija li kienet wisq meħtieġa għall-bżonnijiet tal-gwerra. Dak li wrietna u għallmitna l-Ingilterra f'din il-biċċa xogħol ta' patrijottiżmu, kien hemm bżonn li jsir ukoll f'Malta, intgħad f'dan il-"film"—f'Malta li qiegħda minn ta' quddiem nett f'din it-taqbida ħarxa fil-Mediterran. Kulma rajna f'din il-wirja jgħallimna wkoll illi meta l-bidwi Ingliż ikun qed jaħdem l-għalqa tiegħu, ikun ukoll qed jieħu sehem kbir fit-taqbida ta' l-Atlantiku; hekk ukoll il-bidwi Malti, illi, bħal daż żmien, ikun qed jaħdem l-art tiegħu b'kul rokna li fiha, biex ikabbar l-uċuħ, ikun qed jieħu sehem mhux inqas kbir fit-taqbida tal-Mediterran. U għalkemm il-bdiewa ta' l-Ingilterra għandhom iżjed makni tal-biedja, u li huma wkoll iżjed moderni, biex jaħdmu r-raba' tagħhom, il-bdiewa Maltin, li qegħdin jinqdew mill-aħjar li jistgħu bil-għodod li għandhom, u li biċċa minnhom huma ta' mudell qadim, iżda jgħoddu għall-ħamrija, u ċokon tal-egħlieqi tagħhom, bis-sengħa u bżulija li wirtu minn demm misserijiethom, jafu jaħdmu r-raba' tagħhom b'mod li dejjem għaġġbu lill-barrani, u mid-daqsxejn ta' art li jaħdmu jnisslu kotra ta' għelejjel li bihom għie żmien li l-pajjiż intrafa' u ħeles minn teħdida ta' nuqqas ta' tgħam, ħaxix u frott li soltu fi żmien il-paċi kienu jaslulna minn barra. F'din il-Wirja kien hemm imfisser ċar u b'qawwa kbira illi l-arma tal-bidwi mhix it-Tank li joqtol, imma ħuh it-tewmi li hu l-Moħriet tal-mutur li bih il-bidwi jaħdem ir-raba' u jżid il-produzzjoni.

Fost il-"films", il-bdiewa tagħna tgħaxxqu jaraw ukoll it-Tmien Armata dieħla rebbieħa fi Tripli, u l-bandiera "Jack" tperper fuq l-ogħla iħtan tal-belt flok il-bandiera Taljana.

Fost l-awtoritajiet u nies mistiedna li kien hemm, ta' min isemmi l-Onorabbli Kurunell Roger Strickland, President Onorarju tal-Għaqda Nazzjonali u s-Sinjura tiegħu, is-Sur R. Biasini, Direttur tal-Biedja, is-Sur H. Hirst, Aġent Direttur tal-Biedja, is-Sur Oscar Paris, is-Sur L. R. Swindells, s-Sur Roy Hay, il-Kaptan A. Zammit Cutajar, is-Sur A. Cauchi Gera, Uffiċjal inkarikat mill-Uffiċċju ta' l-Informazzjonijiet tal-Ħamrun, u s-Sur N. Biancardi, ir-Reporter tal-"Berqa".

L-Għaqda Nazzjonali tal-Biedja qiegħda taħseb biex tagħti, ma ddumx, bosta wirjiet oħra bħal dawn.

'L HAWN U 'L HINN FUQ IL-KOLTIVAZZJONI TAL-ĦAXIX

Effetti ta' l-aħħar xita

IX-XITA li għamlet dawn l-aħħar ħmistax-il-ġurnata biddlet mhux ftit mid-dehra ta' l-uċuħ tar-raba' u nittamaw li b'riħitha l-prodotti tal-ħaxix għandhom jieħdu r-ruħ u jagħtu bil-kotra, l-iktar il-patata. Il-patata tażżerriegħa ta' barra kibret sabiħ fil-postijiet kollha tal-kampanja u diġà qed isir il-bexx bil-kupru ta' xi wċuħ bikrija. Iżda x-xita li għamlet dan l-aħħar fil-waqt li tiswa għax-xtieli tal-patata, tgħin ukoll it-tixrid tal-marda tal-ġlata u kull min qed irabbi l-patata għandu jieħu ħsieb biex ibixxha bil-kupru.

Bexx kontra l-Ħanfusa tal-Kromb jew iċ-Ċomba

Ix-xtieli tal-pastard bikri fil-ħammiela diġà bdew joħorġu t-tieni werqiet u l-ħanfus tal-kromb tarah jaqbeż minn pjanta għall-oħra. Dawn l-insetti, jekk ikunu ħafna, jistgħu jagħmlu ħsara kbira lix-xtieli żgħar tal-kaboċċi u tal-pastard. Jekk il-ħmiemel jissaqqew dejjem u wieħed iqis li jitilgħu b'saħħithom huma minnufih jiskorru ż-żmien tagħhom li fih il-ħanfus jista' jagħmlilhom ħsara kbira. Jekk tbixx bis-sulfat tan-nikotina, kuċċarina nikotina f'kull gallun ilma, u iżżid ma' din ftit sapun artab jew Agral, jiswa ħafna biex irażżan il-ħanfus; u dan il-bexx iservi wkoll biex id-dudu tal-kromb ma jfaqqasx. In-Nikotina u l-Agral jistgħu jinkisbu minn għand il-Patologu tal-Pjanti fid-Dipartiment tal-Biedja, il-Ħamrun. Wieħed għandu jiftakar illi n-Nikotina hija velenuża u l-pjanti li jkunu mxarrbin biha ma għandhomx jittieklu qabel millinqas 15-il ġurnata wara li jitbexxew.

> **X'GĦANDI NAGĦMEL BIEX IKOLLI 25 RATAL LAĦAM BARRANI FIS-SENA?**
>
> **Għandi niftakar illi l-fniek jistgħu jinżammu fl-iċken bitħa jew ġnien u ż-żrameġ minn fenka waħda jistgħu jagħtuni millinqas 25 ratal ta' laħam sustanzjuż u bnin fis-sena, barra mis-soltu laħam tar-razzjon. Jien nista' nkun naf ukoll minn għand il-Konsultur tat-Torbija tal-Fniek, il-Qasam tal-Għammieri, il-Marsa, dwar l-aħjar mezz biex inrabbi l-fniek kif ukoll dwar il-Proġett tal-Gvern għall-Fniek tar-Razza.**

Żieda fil-prodott tal-Kaboċċi Mfelfla

Il-kaboċċi mfelfla (Kaboċċi Savoy) milli rajna huwa prodott wisq importanti, l-iktar fost in-nies tas-Servizz. Għalhekk nixtieqʋ li l-uħida ta' dan il-prodott mir-raba' tas-saqwi tiżdied, ma' tul l-aħħar xhur tas-sajf. Iż-żerriegħa tista' tinżara' ma' tul il-ġimagħtejn jew tliet ġimgħat li ġejjin, u barra minn dan, sa jkun hemm għat-tqassim ħafna xtieli (Kaboċċi u Tadam) fil-Qasam tal-Gvern.

Kuntratti tal-Ħaxix

Id-Dipartiment tal-Biedja biħsiebu joffri kuntratti b'mezz tal-pitkali għall-kaboċċi mfelfla mwaħħra tas-sajf bil-prezz fiss ta' 1s.6d. il-wiżna. Dan hu l-prezz li jitħallas lill-bidwi, naqqas is-senserija tal-pitkal.

Id-Dipartiment tal-Biedja sa joffri wkoll kuntratti għat-tuffieħ tadam u l-prezzijiet li jitħalsu għal dan il-prodott huma msemmijin fl-Avviżi fil-faċċata 4 ta' "Il-Bidwi" tal-lum. Huwa fl-interess tal-bdiewa li fejn għandhom raba' addattat għall-prodott imwaħħar jagħmlu kull mezz sabiex iħallu millinqas biċċa mir-raba' tagħhom għall-prodott imwaħħar għax iktarx li ma jkunx hemm kwantità żejda ma' tul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru.

Is-sistema tal-kuntratti hija ta' vantaġġ kbir għall-bdiewa il-għaliex b'hekk huma dejjem żguri minn prezz fiss għal millinqas biċċa mill-prodotti tagħhom. Jekk, iżda, tinżara' kwantità kbira ta' prodotti li ma tkunx miftiehma b'kuntratt hemm il-periklu illi l-prezzijiet jistgħu jitbaxxew ħafna, u fil-waqt li l-bidwi li jkun żara' dan il-prodott imur batut, dak il-bidwi l-ieħor li jkun ikkultiva l-prodott b'kuntratt huwa dejjem żgur mill-qligħ ta' prezz fiss li għalih ikun ftiehem b'kuntratt mal-Gvern. Għalhekk, l-iktar għal dak li hu tuffieħ tadam, il-bdiewa għandhom ifittxu li jikkultivaw kwantità xierqa ta' pjanti li jagħtu prodott fix-xhur ta' Ottubru u Novembru.

AVVIŻI

POSTIJIET TAL-FNIEK. — Infetaħ Post ieħor tal-Fniek tar-Razza fin-Nru 4, Sqaq San Dwardu, iż-Żurrieq. B'kollox hemm issa 12-il-post tal-fniek tar-razza, jiġifieri 9 f'Malta u 3 f'Għawdex. In-numru kollu ta' fniek li tgħammru f'dawn il-postijiet ma' tul Frar kien 1,769, jiġifieri 68 fonka iżjed minn dak ta' Jannar, li, tarġa' kien xahar li fih kellna l-akbar numru ta' fniek imgħammrin. Infakkru lil dawk kollha li jrabbu l-fniek li huma jistgħu jitolbu pariri fuq it-torbija tal-fniek u ħwejjeġ oħra fuqhom minn għand is-Sur Viċenz Rizzo, fil-Qasam tal-Għammieri, bniedem magħruf ħafna bħala awtorità tat-torbija tal-fniek.

PITROLJU GĦAT-TISQIJA TAR-RABA'. — Dawk il-bdiewa li għandhom ir-raba' saqwi huma mitlubin li jmorru mill-iktar fis l-Uffiċċju tal-Biedja tad-Distrett tagħhom biex jieħdu l-biljetti tal-Pitrolju. Dawn il-biljetti jingħataw biss lil dawk il-bdiewa li għandhom raba' saqwi miktub u li jissaqqa bil-pompi tal-pitrolju. Il-biljetti għandhom jissarfu sa nhar it-Tnejn. il-5 ta' dan ix-xahar.

XTIELI TA' L-ISPRAĠ. — Fil-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, hemm għall-bejgħ xtieli ta' l-ispraġ. Prezz 1s. it-tużżana. Dawn jistgħu jitħawlu f'art li tkun imdemmla tajjeb u f'post li huwa delli ħafna għal prodotti komuni. Pariri għal dak li hu taħwil u xtieli jistgħu jittieħdu minn għand l-inkarikat ta' l-Ortikultura, l-Għammieri.

APPALTI TAL-GVERN GĦALL-ĦAXIX. — Id-Dipartment ħareġ avviż fejn fisser is-sistema ta' l-appalti bejn il-Bidwi u l-Pitkal u bejn il-Pitkal u d-Direttur tal-Biedja. Din is-sistema sa tkun ta' vantaġġ sew għall-bidwi kemm għall-popolazzjoni, kif hemm imfisser fis-Sejħa ta' l-Aġent Direttur tal-Biedja li tidher fl-ewwel faċċata.

L-ewwel prodotti li għalihom sa jingħataw appalti ikunu tuffieħ tadam għas-sajf kollu u kaboċċi mfelfla li jilħqu f'Awissu u f'Settembru. Il-prezzijiet tal-kuntratt għat-tuffieħ tadam huma diġà iffissati u huma dawn:—

	Ċatt il-wiżna	*Bżenguli il-wiżna*
Malta:		
Mit-2 ta' Mejju sat-12 ta' Ġunju:	2s.	2s.3d.
Mit-13 ta' Ġunju sat 2 ta' Ottubru:	1s.6d.	1s.9d.
Mit-3 ta' Ottubru sal-31 ta' Ottubru	2s.	2s 3d
Għawdex:		
Mit-2 ta' Mejju sat-12 ta' Ġunju:	1s.9d.	2s.
Mit-13 ta' Ġunju sat-2 ta' Ottubru:	1s.3d.	1s.6d.
Mit-3 ta' Ott. sal-31 ta' Ottubru:	1s.9d.	2s.

KONTRAVVENZJONI MINN BEJJIEGĦ TAL-LAĦAM. — Manwel Darmanin, Triq ir-Rjali, Nru. 59, il-Ħamrun, inġieb quddiem il-Bord għat-Twettiq tal-Kontroll ta' l-Ikel u weħel £20 talli nstab li kellu laħam mingħajr ma kellu l-permess meħtieġ.

NEGOZJU TA' LAĦAM BIL-MOĦBI. — Baskal Garzia "Ta' Baskal" u Karmnu Garzia "Ta Fonzu", Triq tal-Fgura, limti ta' Ħaż-Żabbar, inġiebu quddiem il-Bord għat-Twettiq tal-Kontroll ta' l-Ikel talli qatlu bhejjem kontra l-liġi u kellhom laħam kontra l-liġi, u weħlu sitt xhur ħabs, multa ta' £150, ħlas tas-somma ta' profitti żejda fil-bejgħ u l-kunfiska tal-laħam.

BEJGĦ TA' ĦAXIX MINGĦAJR PERMESS. — Ġużeppi Chircop, "Tal-Gabillott", Triq ir-Brolli, Birżebbuġa, weħel £15 talli innegozja bħala bejjiegħ ta-ħaxix mingħajr permess tad-Direttur tal-Biedja u talli xtara ħaxix minn għand persuna jew minn xi banda mhix magħrufa.

RAPPORT TA' L-UĊUĦ TAR-RABA' U TA' BHEJJEM. — Dawk kollha li qegħdin jaħdmu nofs tomna raba' jew iżjed għandhom jagħmlu rapport tal-prodotti u bhejjem tagħhom fil-post u fiż-żmien li hemm imsemmi għal belt jew raħal tagħhom imniżżel fil-lista kif jidher fl-Ordni Nru. 43 maħruġ mid-Direttur tal-Biedja fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 tax-xahar li ħareġ, u kif kien ukoll avżat fil-gazzetti u fuq ir-"Rediffusion". Ir-rapport għandu jsir fuq formula li tingħata meta jmorru biex jirrappurtaw fil-Post imsemmi fil-Lista. Min irid ikun jaf xi dettalji oħra ijistaqsihom lill-Uffiċjal tal-Biedja tad-Distrett tiegħu.

Min jonqos li jmur jinkiteb jista' jeħel il-piena ta' £5, u jista' mbagħad isib ruħu fi xkiel kbir biex jikseb id-demel, iż-żerriegħa tal-prodotti u bżonnijiet oħra tal-biedja. Waqt din il-kitba sa jingħataw biljetti ġodda tal-kitba tal-bdiewa flok dawk tas-sena l-oħra. Waqt il-kitba l-bdiewa jkunu mistoqsijin x'bhejjem jixtiequ jixtru meta l-Gvern il quddiem ikun fi stat li jkun jista' jġib bhejjem minn barra.

QWIEL U DRAWWIET TAX-XAHAR TA' APRIL

Dis-sena x-xita beqgħet sejra, tista' tgħid, sa l-aħħar ġimgħat ta' Marzu u għalhekk l-annata m'għandhiex tkun nieqsa. Il-qawl Malti jgħid:—

Meta x-xita tagħmel bikri u tibqa' sa l-imwaħħar
Ikollu x'jitma' l-bidwi u x'jaħżen sa l-aħħar.

Sinjal li l-prodott ma jitħassarx kemm-il-darba għal dil-ħabta n-naħal jibda jersaq fuq iż-żahar tas-siġra huwa dan li hemm imfisser f'dan il-qawl:—

Meta n-naħal jarah fuq il-fjur
Taħsir ma jkunx hemm żgur.

Għal dil-ħabta l-qamħ jibda jimla u għalhekk il-qawl Malti jgħid:—

April, il-ħob' wasal fil-mendil.

Iżda, imbagħad, hemm qawl ieħor li jixbah lil dan u jfisser xort'oħra għal kollox:—

April, trid ħobża kbira fil-mendil, li jfisser li issa wieħed jista' jaħseb għal ħobża kbira biex jiekol għal ma' tul il-ġurnata, billi jdum ma jidlam.

Wara San Mark, ix-xita nar fl-art.

Wara San Mark li jaħbat fl-aħħar ġranet ta' April, l-art tibda tisħon sewwa, u x-xita tagħmel ħsara fil-qatet tas-silla maħsuda kif ukoll fil-qamħ, fix-xgħir u f'xi prodotti oħra, għax l-art teħmer.

Iżda mbagħad hemm qawl ieħor, li huwa l-iżjed magħruf u f'ħalq kulħadd li jgħid:—

Xita ħruġ Marzu u dħul April,
Karru deheb fin.

Il-bdiewa kollha jafu, u din il-fehma hija f'ras il-bidwi sa mill-eqdem żminijiet tad-dinja, illi bexxa xita fi ħruġ Marzu u dħul April tagħmel bosta ġid fl-uċuħ tar-raba'. Dan il-qawl hu mnissel minn ħrafa fuq is-Sultan Salamun u nsibuha fost il-ħrejjef tagħna taħt l-isem ta': "Is-Sultan Salamun u Huh". Il-qawl Malti, kif ngħiduh il-lum, jidher li aktarx huwa mislut minn xi qawl ieħor iżjed sħiħ u li jfisser iżjed ċar in-nisel ta' dan il-qawl. Dan ġara fl-istess qawl f'pajjiżi oħra. Ir-rabta ta' dan il-qawl mal-ħrafa ta' Salamun hija din: Salamun kien offra premju għal min jobsor u jgħid kemm jiswa karru miġbud minn gniedes, illi fil-ħrafa maltija, kien mgħobbi b'kaxxa mimlija *bid-deheb u bil-ħarir*, u fi ħrejjef ta' ilsna oħra ta' l-Ewropa, b'kaxxa fejn kien hemm moħbi Salamun stess b'waħdu min-nisa tiegħu. Dan kien għamlu wkoll biex jikxef lil ħuh li, kif jingħad, kien jilħaqlu daqs Salamun.

It-tifsira mogħtija minn ħu Salamun illi *aktar tiswa bexxa xita ħruġ Marzu u dħul April milli karru bit-tagħbija li kellu fuqu* beqgħet tissemma minn żmien għall-ieħor u għaddiet bħala qawl biex turi illi bexxa xita fl-aħħar ta' Marzu u fil-bidu ta' April tiswa d-deheb għall-prodott.

KALENDARJU TAL-BIDWI

FIX-XAHAR ta' April jibda jraħħas iż-żinżel, it-tuffieħ ta' Billudja, iċ-ċirasa, il-bajtar tal-Indja, it-tut u ż-żebbuġ; tibda tiżhar il-bqajla, il-prajn, il-patata, l-isfarġel, il-qaqoċċ, ir-rummien u ċ-ċewsi; isajjar il-frawli, in-nespli u t-toffieħ tadam.

Fir-raba' bagħli jinżergħu: id-dollieġħ, il-bettieħ, il-qamħ ir-rum, il-kromb (ġdur), il-bamja u l-bisbies. Tinħasad is-silla għan-niexef. Jinqatgħu s-silla u l-ful, u tinqala' għall-aħħar ġimgħa tax-xahar il-patata tar-rebbiegħa.

Fir-raba' saqwi jinżergħu: il-qara' aħmar, il-pastard u l-bżar aħmar. Jitħawlu l-ħabaq u l-qara' twil. Jinqalgħu r-rjus tat-tewm.